# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Qabar ta' Sultana tal-Fenicja** — Fil-belt Feniċja ta' Sajda (bit-Taljan jgħidulha *Sidone*) li tinsab f'xatt il-baħar fir-Republika Libnanija, waqt li xi ħaddiema kienu jħaffru taħt bini qadim Ruman iltaqgħu ma' qabar imħaffer fil-blat li ġewwa fih kien hemm il-katavru ta' waħda mis-Slaten tal-Feniċja, ta' xi tlett mitt sena qabel Kristu. Il-qabar kien għadu bla mimsus, u s-Sultana kienet għadha liebsa l-libsa tal-kefen tagħha, u mżejjna b'kotra kbira ta' deheb u ħaġar fin li jiswew l-eluf. Il-ħaddiema għarrfu malajr b'dan lil Pulizija u lill-Imgħallmin tal-Arkeoloġija, li ġew u ħadu kollox il-Mużew il-kbir ta' Bejrut. Ftit jiem wara l-ħaddiema reġgħu ltaqgħu ma' tliet oqbra oħra, li fihom kien hemm midfunin tliet Slaten irġiel, Feniċi wkoll, b'kotra kbira ta' deheb u ħaġar fin magħhom. Għal għana li fihom l-oqbra, l-Arkeöloġi jxebbħu din is-sejba, mas-sejba tal-qabar ta' Tut-Ankh-Amen, Sultan tal-Eġittu (1350 qabel Kristu) li nsab fl-Eġittu fl-1922.

**Ghalaq Hamsin sena Raheb** — Fid-Dejr tal-Franġiskani ta' Betlehem saret naqra ta' festa fil-jum li fih wieħed Ajk għalaq ħamsin sena li għamel il-Wegħdiet Solenni tal-Ordni Franġiskan. Dan l-ajk jismu Fra Rumanu Vass, miċ-Ċekoslovakkja. Il-Wisq Rev.du Patri Nazju Mancini, li qiegħed jagħmilha flok il-Kustodju, mar Betlehem u qaddislu Quddiesa Kbira fil-Għar tat-Twelid, imbagħad mexa mal-Purċissjoni bil-kuruna tal-ward f'rasu, kif hi drawwa tal-Franġiskani li jagħmlu fi ġrajjiet bħal dawn.

**Il-Principjiet tal-Belgju fil-Gordanja** — Il-Prinċep Albert u martu l-Prinċipessa Pawla marru għaddew ftit taż-żmien f'Ġerusalem. Żaru b'qima kbira l-Imkejjen Imqaddsa kollha, u mar magħhom idawwarhom il-Franġiskan Patri Reinard Van Hooricz O.F.M., u wara l-Prinċep kellu laqgħa kbira mill-Franġiskani fis-Sala ta' *Casa Nova*, fejn tawh is-Salib tad-deheb taż-Żawwarin il-kbar.

**Bini ta' Knejjes Insara f'Kuwejt** — Fil-Kuwejt ma kienx hemm ħlief knisja waħda Nisranija. Imma issa l-Ħakma ta' dik l-art tat il-ħalla jew permess li jinbnew erba' knejjes Insara oħra, biex kull Rit ikollu knisja għalih fejn imur. L-art fejn għandhom jinbnew il-knejjes ukoll kienet mogħtija mill-Ħakma, u x-xogħol għandu jibda ma jdumx.

**Nisrani minn Gerusalem imweggah mill-Papa** — Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI, għoġbu jagħti l-Insinja ta' Kommendatur tal-Ordni ta' san Sivestru lis-sur Albert Alonzo, nisrani mill-Gordanja, biex jurih kemm jaful x-xogħol li għamel għal ġid tar-Reliġjon Kattolka f'Ġerusalem. Is-sur Alonzo huwa President tat-Terzjarji Franġiskani, u wkoll tax-Xirka ta' san Vinċenz u tal-*Legion of Mary*. Kien mogħti wkoll l-O.B.E. mill-Gvern Ingliz, u għandu dekorazzjoni mill-Gvern Taljan tax-xogħol li għamel meta kien fil-Libja.

**Knisja Gdida Frangiskana f'Ghamman** — Fuq waħda mill-għoljiet fejn hi mibnija Għammân, jgħidulha Ġebel Lwejbda, il-Franġiskani bnew knisja ġdida bil-flus mogħtija minn wieħed għani Għarbi, Kattolku, minn dik il-belt, jismu Wâsef Bxarât. Berikha ilu ftit ġimgħat l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Albertu Gori O.F.M. Patrijarka ta' Ġerusalem. Il-Patrijarka, dik inhar tal-festa, lis-sur Wâsef għamlu Kommendatur, u lis-sinjura tiegħu, Dama, tal-Qabar ta' Kristu.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

IL-BELT. Stella Daniele u Ġużeppi Schembri. Anton Caruana. Ġużeppi u Ġużeppa Dimech. Karmenu u Tereża Grech. Tereża u Fabrizju Borg. Censu u Ġanni Gasan. Manwel u Ġulina Magri. Rożina Cachia. Fredu u Marija Pace. Manwel Ellul. Censina Schembri. Spiru u Tereża Borg. Anġla, Karmena, Ludgarda u Anġlu Aqulina. Nikolina Zammit. Marjetta Mamo. Frankie u Franġiska Cauchi. Karmena Chircop. Pawlu Cremona. Antonja Cremona. Ġanni Lwiża, Ġużeppi u Anġlu Cauchi. Marija Stella Cachia. Aristotle u Ġużeppi Zammit. Peter Blandin. Ġużeppi Cachia. Fredu Zammit. Manwel u Censina Ellul. Anna u Manwela Thorne. Mikiel Felice. Ġulja, Karmenu u Katarina Mifsud. Ġużeppi u Konċetta Abdilla. Konċetta u Marija Grech. Karmena, Karmenu u Lawrenz Bonnici. Ġovanni, Karmena u Ġużeppi Cachia. Pietru u Emma Xuereb.

RAĦAL ĠDID. Tereża u Mattew Camilleri. Konċetta u Mattew Zammit. Fredu u Toni Gouder. Toni Refalo. Koronato u Fawstinu Vassallo. Spiru u Konċetta Vella. Marija u Feliċ Sammut. Tereża u Wiżi Stivala. Karmenu, Salvu Toni, u Ġużeppi Mifsud. Ġużeppi Buhagiar. Karmenu, Marija, John, Ġużeppi Borg. Karmenu, Ġużeppi, Salvu, Amalja u Ġulja Borg. Salvu Giusti. Konċetta Abela.

IL-ĦAMRUN. Tona, Mikiel, Rużarja, Salvu u Ġużepp Portelli. Marija u Manwel Mallia. Wiġi, Ġanna u Karmenu Mifsud. Ester Vella. Karlu Tabone. Karmena, Wiġi u Ester Tabone. Lunzjatu Vella. Ġużepp Saliba. Pawlu Mizzi. Tereża Muscat. Duminku Camilleri. Anna O'Dea. Louis Formosa. Pietru Azzopardi. Pawlu Vella. Franġisk Puis. Louis Formosa. Dolor Mizzi.

ĦAL-QORMI (san Sebastjan). Karmnu Vella. Fredu Grech. Ġorġ Camilleri. Karmenu Apap. L-Erwieħ ta' Wied Għammieq, u l-Erwieħ tar-Rixtellu. Censinu u Tereża Darmanin. Ġorġ u Lużarja Sultana. Mari Farrugia. Karmnu u Lużarju Debono. Karmena Scicluna. Pawlu Sammut. Marija Stella u Orazju Mallia. Tona u Karmenu Compagno. Pietru u Kristina Attard. Cetta Ellul. Akilli Graziano. Marija Compagno. Ġuża Attard. Toni u Anni Baldacchino. Kalċ Grech. Anni, Frans, Salvu u Lużarja Grech. Pietru, Pawlu u Nina Scicluna. Wenzu Galea. Ġuża Zammit. Frans Grech. Marija Schembri. Beneditt Schembri. Ġużepp, Kolina u Censu Farrugia. Toni u Rożi Farrugia. Vitor u Liberat Feliċe. Marija, Karmnu u Ġanni Vella. Ġuża Borg. Ġolina u Ludgarda Farrugia. Filomena u Ġanni Sammut. Luqa u Marija Borg. Ġuża u Salvina Cassar.

BIRŻEBBUĠA. Ġamri u Ġuża Cachia. Ġużeppi u Ġużeppa Cassar. Salvu u Ġużeppa Cassar. Salvu u Ġużepp Aquilina. Pawlu Savona. Peter Alivieri. Serafina Izzo. Franġisk Cassar. Karmenu u Marija Schembri. Ġanni u Tonina Farrugia.

Katarin u Marinton Grech. Feliċ u Karmena Micallef.

L-IMQABBA. Luċens u Marija Sciberras. Cikku u Kelina Mifsud. Luċens Farruggia. Filomen Cardona. Rokku u Liża Camilleri. Ġużi Sammut. Lunzjat Mifsud. Ġuża Farrugia. Ġanni u Mari Bilokka. Fredu Zammit. Lużar u Pawla Briffa.

IL-MELLIEĦA. Ġanni, Ġużeppi, Vinċens, Anni u Pawlu Gauci. Rożina Calrke. Netta Mangion. Karmnu u Ġużeppi Grech. Fredu, Netta u Dolor Hili. Karlu u Wiġi Attard. Mikiel Soldato. Anni Micallef. Turu Cassar. Mejtin tal-Familja Mallia. Mejtin tal-Familji Caruana u Dingli. Edgar, Marajanna, Ġużeppi u Karmu Vella.

IL-GUDJA. Ġanni u Ċikka Bonnici. Ġanni u Liena Dalli.

L-IMĠARR (Malta). Vincenzo Grima.

IL-QALA (Għawdex). Peppi, Grezz Ġanna u Anġla Portelli. Karmni u Cettina Portelli. Karmnu, Frenċu, Anġla, Pietru u Ġammarì Camilleri. Anġla u Tonina Camilleri. Karlu, Tereż, Salvu, Mikiel u Karmnu Camilleri. Frenċu, Rożi, Marì u Tona Buttigieg. Karmni, Ġużepp, Rożi, Frenċu u Karmni Calleja. Ġanni, Gerit, Cikku u Toni Camilleri. Peppi, Anġla, Karmni, Gerit, Mikiel, Gerit u Ġużepp Grima. Gerit, Peppi, Salvu, Cetta, Karmni, Mikiel, Gerit u Salvinu Xerri.

IR-RABAT (Għawdex). Pietru Borg. Ġorġa Portelli. Monsinjur Giovanni Grech. Mikiel Farrugia. Tona Madalen, Serafina u Ġorġa Tabone. Ġorġ Cassar. Marija Grech. Salvu Camilleri. Peppa Attard. Franġisk Refalo. Mikiel Vella. Toni u Ġużeppi Grech. Karolina Farrugia. Pawlu Borg. Toninu Caruana. Ġużeppi Schembri. Toni Grech. Marija, Franġisku u Mikelina Borg. Toni Tabone. Wenzu Farrugia. Dolor Farrugia. Franġisk Buħagiar. Wiġi u Toni Zammit. Ġorġi Galea.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*